MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 214/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijet ta l-assikurat taghha Nicholas Vassallo abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Nicholas Vassallo (ID 811156M)**

**vs**

**Vincent u Rita konjugi Gafa' bhala rapprezentanti legali u kuraturi tal-minuri James Vincent Gafa'**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar 2005, fejn intalab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm373.71 illum ekwivalenti ghal Euro 870.51 (tmien mija u sebghin ewro u wiehed u hamsin centezmu) rapprezentanti valur ta' danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' incident stradali li sehh fis-7 ta' Novembru 2003 gewwa triq Santa Katerina, M'Xlokk bejn il-vettura numru

DAC 179 proprjeta ta' l-attur u l-bicikletta misjuqa mill-minuri James Vincent Gafa bin il-konvenuti liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, mperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-imsemmi James Vincent Gafa.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta l-24 ta Novembru 2004 u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta l-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 17 ta Marzu 2005 fejn ikkontestaw it-talba attrici in vista tal-fatt li jaffermaw li l-minuri ma kellu ebda htija ta' l-incident u kwindi ma ghandux iwiegeb ghal hsarat u fi kwalunkwe kaz ghandha tingieb il-prova ta' l-istess hsarat. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Jigi notat qabel xejn illi l-atturi ressqu l-provi relattivi dwar l-ispejjes mitluba tramite sensiela ta' dokumenti esebiti minn Dok RF1 sa Dok RF11 parti minn liema dokumenti fil-fatt jitrattaw proprju l-kwantum tad-danni. Barra minnhekk is-survey report Dok RF 2 gie konfermat bil-gurament minn Alfred Farrugia li kkonferma wkoll il-fatt li l-ircevuti esebiti jikkombacju sewwa ma s-survey tieghu.

Jinghad ukoll li Daniela Grech ikkonfermat Dok RF 4 u Dok RF 5.
Marika Borg ikkonfermat Dok RF 9.
Francis Balzan ikkonferma Dok RF 6, Dok RF 7 u Dok RF 8.
Francis Buhagiar ikkonferma Dok RF 3. Pero in kontro-ezami, dan ix-xhud li kien ghamel xoghol ta' tellar fuq il-vann ta' l-attur jispjega li huwa gieli kien hadem fuq l-istess vettura anke qabel l-incident in kwistjoni u ghalhekk mill-memorja ma setax jiftakar fuq liema daqqa dan l-incident in kwistjoni kien jirreferi. Fl-istess hin pero kellu

amment li hadem fuqu minn naha tal-lemin u ftakar ukoll li kien hemm xi windscreen miksur. Meta hadem fuq il-vann f'okkazzjonijiet precedenti dan kien pero fuq kwistjonijiet ta' sadid. Ighid ukoll li f'din l-okkazzjoni hadem fuqu skond is-surveyor u qabel ma sewwa d-daqqa jiftakar li din il-vettura kienet fi stat tajjeb cioe mhux milqut.

L-incidenti gara fix-xitwa ghal habta tad-9.00pm u kwindi kien lahaq dalam. L-attur Vassallo xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fl-inhawi ta' l-Iskuna Restaurant gewwa M'Xlokk. Riekba mieghu kien hemm it-tifla Charmaine Vassallo. Huwa kien qieghed wara t-traffiku jistenna li dan jiccaqlaq sabiex ikun jista jaqsam salib it-toroq. Kif appena iccaqlaq minn Portu ra oggett itir mal-windscreen tieghu li wara rrizultalu li kienet il-mera tal-gemb tieghu minn naha tax-xufier. Meta hareg mill-karozza nnota li kien hemm bicycle mal-art ma gemb il-bieba tax-xufier u kif ukoll tifel ftit metri aktar il-boghod. L-attur jispjega li l-vettura tieghu kellha hsara fuq il-bieba tax-xufier, indicator u windscreen. Huwa ighid ukoll li l-vettura tieghu fil-mument tal-impatt kienet f'nofs salib it-toroq li tinfetah fuq erba bnadi. In kontro-ezami jikkonferma li huwa kien midhal sew ta dak il-lokal u kwindi kien jaf li kien hiereg fuq triq principali. Huwa jafferma li qabel ma hareg kien hares sew fuq iz-zewg nahat tat-triq u l-incident gara meta kien hareg il-barra xi ftit metri u allura kien qieghed gia f'nofs salib it-toroq. Il-vettura tal-attur kellha d-dawl mixghul. Mill-banda l-ohra il-'bicycle' ma kellu ebda dawl u qabel l-incident l-attur ma rahx lil tal-'bicycle'.

Charmaine Vassallo li kienet riekba ma missierha l-attur fil-hin tal-incident tafferma li huwa kien waqaf f'salib it-toroq u li hija hasset id-daqqa kif appena l-vettura qalghet minn fuq l-istop sign. Hija tghid li ma ratx ir-rota qabel l-incident li kienet gejja minn naha tas-sewwieq cioe ta' missierha. In kontro-ezami tghid li t-triq mnejn kien gej it-tifel bir-rota ma kinietx daqshekk imdawla.

Vincent Gafa missier is-sewwieq tar-rota ma rax l-incident isir pero jafferma li meta mar fuq il-post ta' l-incident u tkellem ma l-attur dan ta' l-ahhar qatt ma semmielu hsarat

fuq il-vettura. Dan ix-xhud pero esebixxa tliet ritratti Dok VG 1 sa Dok VG 3 li juru l-lok tal-incident liema ritratti jindikaw il-posizzjoni ta’ salib it-toroq, il-fatt li uhud minnhom huma one ways u li l-art tinsab pavimentata (cobbled).

Fuq mistoqsija tat-Tribunal, Vincent Micallef, xhud tal-konvenuti, spjega li r-rota kienet mal-art ma gemb il-bieba tax-xufier tal-vettura. Sakemm dam fuq il-post dan ix-xhud ma sema ebda diskors dwar dan.

Illi gie prodott Dok JR1 konsistenti f’dikjarazzjoni maghmula mis-segretarju esekuttiv ta’ M’Xlokk li jafferma li fuq triq Santa Katerina kantuniera ma’ Triq Duncan kien hemm stop sign filwaqt li fi triq Duncan ma kien hemm ebda stop sign u dana riferibbilment ghaz-zmien in kwistjoni. Din id-dikjarazzjoni giet minnu konfermata bil-gurament fis-seduta ta nhar il-5 ta Marzu 2008. Din id-dikjarazzjoni tassumi mportanza sostanzjali peress illi r-ritratti esebiti mill-konvenuti juri sitwazzjoni bil-maqlub u cioe stop sign fi triq Duncan u ebda stop sign fi triq Santa Katerina. Illi ghalhekk dan ifisser li mnejn kien hiereg l-attur ma kien hemm ebda stop sign fiz-zmien ta l-incident ghalkemm kien sejjer jaqsam salib it-toroq filwaqt li mnejn kien hiereg it-tifel bir-rota kien hemm fil-fatt stop sign. Illum il-gurnata s-sitwazzjoni hija bil-maqlub. Illi ghalhekk filwaqt li s-sewwieq tal-vettura kellu l-obbligu tal-proper look out pero mhux necessarjament jieqaf zopptu qabel ma hareg fl-inkrocju, it-tifel da parti tieghu kellu l-obbligu li jieqaf ghal kollox. In kontro-ezami dan ix-xhud ikompli jikkonferma li t-taqlib tal-istop sign minn Santa Katerina ghal triq Duncan saret certament fil-legislatura tal-Kunsill bejn Lulju 2004 u Marzu 2007 u dan ifisser allura li fid-data ta’ l-incident cioe Novembru 2003 is-sitwazzjoni kienet bi stop sign gewwa triq Santa Katerina cioe mnejn kien hiereg it-tifel.

Illi in vista tal-provi hawn migbura ma hemm ebda dubbju li l-kawza prossima tal-incident kienet il-fatt li t-tifel qabad u hareg minn triq Santa Katerina minghajr ma’ waqaf minn fuq l-istop sign oltre ghall-fatt li kien qed isuq ir-rota tieghu bil-lejl minnghajr dawl.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, kwindi jilqa t-talba attruri jiddikjara li l-minuri James Vincent Gafa kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-genituri tieghu konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta Euro 870.51 (tmin mija u sebghin ewro u wiehed u hamsin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza a kariku tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------